MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 479/2012

Appell Numru: 479/2012

Il-Pulizija

Spettur James Grech

Spettur Edmond Cuschieri

Vs

Peter Joseph Camilleri

Illum, 16 ta' Mejju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Peter Joseph Camilleri, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 51993M talli:

Talli nhar il-11 t'Ottubru, 2012, ghall-habta tas-13:10hrs, gewwa San Pawl il-Bahar;

1. Ikkommetta serq ta' gojjellerija minn Super Gold Jewellers liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-ammont ta' €2329.37 li sar ghad-dannu ta' Anton Ciantar u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Adriana Debono kontra l-volonta' taghha;

3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l–persuna jew delitt ta' serq kollu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

4. U aktar talli garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. B'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizjorja imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;

Il-Qorti hija mitluba sabiex tapplika *mutatis metandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-corpus delicti, armi u/jew ghodda ohra li ntuzaw waqt id-delitt;

Il-prosekuzzjoni f'kaz ta' htija qeghda wkoll titlob il-Qorti tordna sabiex ikun hemm il-hlas tal-ispejjez peritali li kien hemm fl-inkjesta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-13 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 261(a)(b)(c), 262 (1)(a)(b) u (2), 275, 277(b), 579(2) tal-Kap 9, 6, 55 (a)(b) u 56 ta' Kap 480;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tenut kont tal-gravita' tar-rejat, tal-ammont misruq u li dan sar b'sekwestru ta' persuna, l-Qorti tapplika l-piena indikata fl-artikoli fuq indikati mizjuda bi grad u ghalhekk tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) snin mil-lum;

Tikkundannah inoltre sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qrati, l-ispejjez li saru fil-kors tal-inkjesta dwar dan il-kaz u dan skond l-artikolu 533 tal-Kap 9;

Tordna l-konfiska tal-corpus delicti uzati mill-imputat fil-kommissjoni tar-rejat;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ikun applikat l-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kap 373 stante li mhux indikat li jsir hekk fil-kawza odjerna.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali biex il-kawza tkun deciza bil-procedura sommarja, il-Qorti tibghat dawn l-atti lill-avukat generali fi zmien li trid il-Ligi.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Peter Joseph Camilleri pprezentat fit-23 ta' Ottubru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentneza fejn sabet htija , thassar, tirrevoka u tikkancella l-piena nflitta u timponi piena inferjuri fuq l-appellant.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Peter Joseph Camilleri u cioe':-

L-Ewwel Aggravju

Illi dwar l-ewwel jinghad illi d-dokumenti li gew esebiti kienu l-istqarrija tal-imputat, il-lista tal-oggetti illi gew misruqa u l-fedina penali tal-imputat.

Illi fl-ewwel lok mill-istqarrija tal-imputat juri bis-shih li huwa kien ikkollabora bis-shih mal-pulizija. Mill-istqarnija stess jirrizulta car illi kien l-imputat stess li ghen lil Pulizija Ezekuttiva sabiex jinstab ir-resfurtiva. Illi l-appellant ikkonferma illi kien huwa stess illi rritorna r-rifurtiva, l-arma li ntuzat u l-hwejjeg lill-Pulizija Ezekuttiva.

Illi fit-tieni lok giet esebieta lista tal-oggetti illi ttiehdu waqt is-serqa. Illi l-ammont fuq l-lista huwa s-selling price tal-oggetti u m'hux ir-retail price. Illi ghalhekk meta wiehed jikkalkula r-retail price l-ammont fil-prospett esebit mill-Prosekuzzjoni jinzel b'mod konsiderevoli hekk kif indikaw huma stess waqt it-trattazzjoni fuq il-piena.

Illi fit-tielet lok giet esebita l-fedina penali illi hija wahda netta salv ghal-kaz illi sehh diversi snin ilu.

It-Tieni Aggravju

Illi t-tieni aggravju jikkonsisti illi l-appellant ikollu pre-sentencing report liema rapport jista jsir anke f'dan l-istadju qabel ma taghti s-sentenza din il-Qorti.

Illi l-appellant ghandu problema kbira ta droga u ghalhekk huwa ghandu bzonn ta' ghajnuna kbira sabiex jirriforma ruhu u jaqta l-vizzju tad-droga.

Illi ghalhekk ikun opportun illi l-appellant isirlu pre-sentencing report sabiex ikun hemm rapport fuq l-istat pjetuz li qieghed fih l-appellant u din il-Qorti tkun f'qaghda li tasal ghal-sentenza ahjar fil-konfront tal-esponent.

It-Tielet Aggravju

Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-piena erogata mill-Ewwel Onoarabbli Qorti hija eccessiva u ma tirriflettix ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-esponent huwa ben konsapevoli tal-fatt li din l-Onorabbli Qorti dejjem irriteniet li l-pieni ghandhom iservu l-iskop ta deterrent generali u l-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom jibghatu messagg car illi s-serq ghandha ggib maghha l-effett ta' prigunerija b'effett immedjat. Pero' ghandu jinghad ukoll bi-akbar rispett li din l-Onorabbli Qorti, f'diversi okkazzjonijiet, kellha l-opportunita' li tirrimarka li ghalkemm l-element tad-deterrent generali fil-piena hija konsiderazzjoni ewienija li kull Qorti ta' gustizzja kriminali ghandha zzomm f'mohhha fil-ghoti tal-piena, ghandu li jkun hemm element ta proporzjonalita' bejn il-fatti speci partikolari tal-kaz u l-piena erogata.

Illi fil-kaz odjern giet esebita l-istqarrija u l-fedina penali netta tieghu. Illi fl-istqarrija tieghu jidher bic-car illi l-appellant irritorna r-rifurtiva kollha ezatt meta tkellem mal-Pulizija hekk kif jirrizulta mill-istess stqarrija. Illi ghalhekk ghalkemm mhux skuzabbli l-appellant ikkollabora bis-shih mal-Pulizija Ezekuttiva fejn ir-rifurtiva giet irritornata ezattament jumejn wara li nsterqu.

Illi di piu meta wiehed jifli sew il-fedina penali tal-appellant wiehed jara illi l-ahhar sentenza definittiva illi inghata tmur lura ghall-1997. Illi ghalhekk l-appellant kien qieghed jirriforma ruhu.

Illi in oltre waqt it-trattazzjoni orali fuq il-piena l-Prosekuzzjoni min-naha taghha qalet illi l-appellant ikkollabora bis-shih maghhom u sahansitra huwa stess kien qallihom fejn kienet ir-rifurtiva liema oggetti ngabru mill-ewwel. Illi waqt it-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni sahansitra trattat illi ghandu jinghata l-minimu peress illi kkolaboraha bis-shih maghhom.

Ghaldaqstant l-appellant ihossu aggravat meta l-Ewwel Qorti tat is-sentenza u ma haditx in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi ormai skont guriprudenza ricenti riduzzjoni tal-piena setghet giet ikkonsidrata izda l-Ewwel Qorti ma hadititex in konsiderazzjoni. Illi fil-kawza Ir-Repubbika ta Malta vs Brian Godfrey Bartolo fl-14 ta Novembru 2000 (11/2000) il-Qorti tal-Appell Superjuri qalet fejn il-mertu tal-kawza kien jinkludi traffikar ta' droga qalet illi huwa minnu li r-riduzzjoni tal-piena minhabba ammissjoni bikrija huwa kriterju diskrezzjonali li gie introdott bil-gurisprudenza ricenti.

Illi l-gurisprudenza ricenti tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija. Illi l-Qorti tal-Appell fir-Repubblika ta' Malta vs Elvin Abela fid-19 ta' Frar 2004 (8/2003) qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process. Din il-Qorti qieset ukoli il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati u Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutile ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi l-istess inghad fil-Qorti tal-Appell Kriminali fil-Pulizija vs Emmanuel Testa fis-7 ta' Lulju 2002 (152/2002) fejn il-Qorti tal-Appell qalet illi l-appellant ammetta mal-ewwel mal-pulizija, kif ukoll fil-qorti, u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz huwa ghandu jibbenifika mid-"discount" kollu li tista' taghtih din il-Qorti. [vide BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited - 2001 edit.ecc)].

Illi ghalhekk ic-cirkostanzi tai-kaz odjern huma l-istess u l-appellant ammetta kemm mal-Pulizija waqt l-interrogatorju u sahansitra ghenu halli jirrekuperaw ir-rifurtiva u sahansitra ammetta l-htija tieghu fl-ewwel stadju.

Illi in oltre u bla pregudizzju ghas-suespost l-appellant ihoss illi ghandu jinghata opportunita' illi jirriforma ruhu. Illi fil-PuIizija vs George Farrugia datata 18 ta' Jannar 2001 (245/00) l-appellant kellu mhux inqas minn 77 kundanna fejn inghata Probation. Illi l-appellant fil-kawza odjerna ihoss illi hu ghandu jinghata opportunita sabiex jirriforma ruhu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant fil-hdax (11) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) madwar is-siegha u ghaxar minuti ta' waranofsinhar (1.10 p.m.) dahal go hanut Super Gold Jewellers illi jinsab gewwa San Pawl il-Bahar fejn seraq diversi oggetti. B'hekk tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni ma' dan ir-reat u l-Qorti tal-Magistrati permezz ta' sentenza tat-tlettax (13) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal sitt (6) snin prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell ghax deherlu principalment illi sitt snin prigunerija huma esagerati aktar u aktar meta huwa ikkollabora hafna mal-pulizija u bhala fatt l-oggetti li gew mehuda minn dan il-hanut gew ritorni kollha. Ghalhekk ma haqqux jiehu l-piena massima illi l-ligi timponi.

Veru illi l-appellant kellu problema ta' droga izda dina qieghda tigi indirizzata u ghandu jinghata l-opportunità li jibda programm ta' riabilitazzjoni. L-appellant talab illi jixhed l-Ispettur James Grech quddiem din il-Qorti sabiex jaghti informazzjoni dwar patteggjament li sar bejn id-Difiza u l-Prosekuzzjoni. L-Ispettur James Grech xehed illi veru illi bejnu u bejn l-Avukat Franco Debono kien hemm forma ta' patteggament fejn kienu qieghdin jitkellmu fuq sentejn prigunerija. Infurmaw lill-Magistrat b'dan il-hsieb. Il-Magistrat però infurmahom illi ma kienx qed ihossu marbut b'dak il-ftehim u rega' staqsa lill-appellant kienx sejjer jibqa' jsostni l-ammissjoni tieghu. L-appellant wiegbu li kien sejjer jibqa' jsostni u l-Magistrat ghadda biex ta s-sentenza tieghu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghata illi skont ir-reati li bihom huwa addebitat l-appellant il-massimu kien aktar vicin disa' (9) snin milli sitt (6) snin kif ikkundannah il-Magistrat. Terga' u tghid din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura bil-mod kif mexa l-Magistrat meta wera n-nuqqas ta' aderzjoni tieghu ghal dak miftiehem bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza. ghal konsiderazzjonijiet dwar patteggamenti quddiem il-Qorti Inferjuri, din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fis-27 ta' Marzu 2014 stess fil-kaz kontra Helen Bugeja fejn hawn ukoll il-partijiet infurmaw lill-Magistrat bi ftehim ta' forma ta' sanzjoni izda l-Magistrat iddikjarat li ma kinitx se thossha marbuta b'dak il-ftehim. L-istess ghamel il-Magistrat f'dan il-kaz. Din il-Qorti ma tistax ticcensurah ghal mod kif mexa. L-importanti li ma jkunx hemm sorprizi. Il-Magistrat in open Court avza lil kulhadd illi ma kienx se jhossu marbut bil-ftehim maghmul. B'hekk gew osservati l-principji tal-gustizzja naturali u din il-Qorti m'ghandha xejn x'ticcensura mill-Magistrat illi kien liberu jaccetta jew ma jaccettax il-ftehim maghmul bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, din il-Qorti tat kull opportunità lill-appellant sabiex juri lill-Qorti illi huwa verament kien qieghed jirriforma ruhu. Tant hu hekk illi ordnat li ssir "pre sentencing report" fejn innominat probation officer, f'dan il-kaz Marilyn

Attard sabiex tipprezenta r-rapport taghha kif fil-fatt ghamlet. Però, wara li pprezentat ir-rapport Marilyn Attard xehedet illi hadet feedback mill-habs fejn irrizultalha illi l-appellant ma kienx "clean" ghal sustanzi illecita. Fis-sittax (16) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) sar "urine test" minn fejn irrizulta illi l-appellant kien pozittiv. Il-problema tad-droga tal-appellant ghadha tezisti u rrakkomandat illi ahjar ikun hemm sentenza definittiva l-habs halli jkun jista' jibda programm. Originarjament l-appellant kien jidher illi kien qed ikollu motivazzjoni sabiex ibiddel hajtu però kellu relapse u rega' mar lura fis-sitwazzjoni li kien qabel.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss illi l-appellant ma jistax jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena erogata. Ma tantx wera affidament u/jew motivazzjoni. U peress illi l-piena hija fil-parametri tal-ligi mhuwiex il-kaz illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------